MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 182/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-partijiet kontendenti f'din il-vertenza izzewwgu fit-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fil-Knisja tal-Kapuccini, il-Furjana (Certifikat taz-Zwieg numru 579/2006);

Illi l-istess partijiet sussegwentement isseparaw b'kuntratt ta' Separazzjoni Personali,, Insinwat fid-disa' (9) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010), fl-Atti tan-Nutar Dr Sandra Grech;

Illi l-partijiet verament kienu ilhom ighixu separatament de facto ghal aktar minn erba' snin u matul dan iz-zwieg li kien ikkuntrattat bejniethom qatt ma kellhom tfal, kif ser jigi ppruvat u ghandu jigi maqbul fil-mori wkoll ta' dawn il-proceduri;

Illi b'dan kollu stabbilit, l-esponenti qua rikorrenti f'din il-vertenza, qed tiddikjara u tikkonferma illi hemm ir-rekwiziti legali kollha necessarji ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex hija tipprocedi bit-talbiet taghha ghal divorzju, kif ghandu jirrizulta ukoll mill-iskrutinju gudizzjali taghha fil-fatt u fid-dritt;

Talbet filwaqt li tiddikjara s-surreferiti realtajiet fil-fatt u fid-dritt, sabiex li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg, billi tiddikjara u tikkonferma d-divorzju bejn il-koppja Melissa Debono u Clive Debono ai termini tal-Artiklu 66D(2) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) Tordna konsegwentement illi tali decizjoni u pronunzjament gudizzjali, jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, sabiex jigu regolati l-Atti Pubblici fir-rigward tal-istess decizjoni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Mejju, 2014;

Rat illi l-intimat debitament notifikat, ma deherx u ma wiegibx;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Settembru 2010 u li l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------